MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 1614/2010

**Busuttil Alan**
**ID39382-(M)**

**vs**

**Charles Farrugia ID136656-(M) u b'digriet tat-Tribunal moghti nhar is-27 ta' Jannar 2012, giet kjamata in kawza s-socjeta' Untours Insurance Agents Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija disgha u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€329.22c) rapprezentanti xogholijiet u spray rezi fuq il-vettura tal-intimat bin-numru ta' registrazzjoni JAB614, liema xogholijiet saru fuq inkarigu tal-istess intimat, li da parti tieghu qieghed jirrifjuta li jhallas ghaliex qieghed

jippretendi li taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez l-assikurazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta' dan l-avviz, kollox kontra l-intimat li huwa ngunt in subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti u michuda peress illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut *stante* li l-attur gie inkarigat mill-assikurazzjoni u accetta li jithallas mill-assikurazzjoni (*vide* Dok.CF1). Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-rikors tal-attur datat 26 ta' Jannar, 2012, u d-digriet tieghu tas-27 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu giet milqugha t-talba tal-attur sabiex tigi kjamata in kawza s-socjeta' Untours Agents Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta' Untours Insurance Agency Limited mhix il-legittimu kontradittur *ai* finijiet tal-Kap 104. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob li jithallas ghal servizz ta' *spray painting* rez minnu fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAB614, liema vettura kienet involuta f'kollizjoni awtomobilistika, u ghalhekk kienet tehtieg xi riparazzjonijiet. Illi l-vettura in kwistjoni hija proprjeta' tal-

konvenut, u fiz-zmien meta sehhet il-kollizjoni kienet assigurata ma’ Elmo Insurance Limited. Illi l-vettura l-ohra, li maghha sehhet il-kollizjoni kienet assigurata ma’ Untours Insurance Agents Limited.

Illi meta l-vettura giet ikkonsenjata mill-konvenut lill-attur sabiex din tissewwa, l-attur gie informat illi l-vettura kienet involuta f’habta, u l-attur talab kopja tar-rapport tas-*Surveyor*, li kien mar jara l-vettura ghand il-*mechanic*, fejn ittiehdet qabel ma ttiehdet ghand l-attur. Illi l-attur iddikjara illi hu kellu l-*go ahead* minghand persuna li kienet impjegata ma’ Untours Insurance Agents Limited illi din il-vettura setghet tissewwa, u fil-fatt gew ikkonsenjati wkoll xi *parts* ghand l-istess attur sabiex dan ikun jista’ jwettaq it-tiswija mehtiega.

Illi kif jaghmel solitament l-attur f’kazijiet meta tissewwa hsara in segwitu ghal kollizjoni, meta lesta t-tiswija u hareg il-kont, dan il-kont flimkien mar-ricevuta relattiva baghthom lill-assigurazzjoni Untours Insurance Agency Limited. Illi l-hlas ma giex imwettaq, anzi ftit taz-zmien wara, l-attur rega’ rcieva l-fattura u ricevuta lura.

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-assigurazzjoni ma wettqitx il-hlas, l-attur talab il-hlas lill-konvenut, li da parti tieghu kien ‘gia hallas lill-attur ghal bicca xoghol ohra ta’ tiswija li saret minnu fuq l-istess van, izda liema hsara – konsistenti f’sadid, u l-qtugh tieghu – ma kienitx konsegwenza tal-incident stradali, u li ghalhekk il-hlas taghha kien dovut mill-konvenut, li effettivament dan il-kont hallsu.

Illi l-konvenut da parti tieghu spjega illi wara li sehh l-incident awtomobilistiku li fih kien involut bil-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni JAB614, hu avvicina lill-*sub agent* tal-assigurazzjoni tieghu, Michael Buhagiar, agent ta’ Elmo Insurance Agency Limited, u informah dwar il-kollizjoni. Illi xi ftit taz-zmien wara, rapprezentant ta’ Untours Insurance Agents Limited, li kienet l-assigurazzjoni tal-vettura l-ohra involuta f’dan l-incident, informa lil Michael Buhagiar illi *Surveyor* ta’ Untours Insurance Agents Limited kien ser imur jispezzjona l-

vettura tal-konvenut, u fil-fatt hekk gara u gie mhejji rapport. Illi f'dak l-istadju l-vettura kienet ghand il-*mechanic*, ghaliex il-karozza kienet tehtieg tiswija mekkanika. Illi din imbaghad ittiehdet ghand l-attur, li wettaq xoghol ta' tiswija fuq il-vettura tal-konvenut kemm f'dak li jirrigwarda hsara li giet ikkawzata konsegwenza tal-incident awtomobilistiku, u anke tiswija ohra li kienet mehtiega minhabba xi sadid li hareg fil-vettura. Illi eventwalment meta tlesta x-xoghol mill-attur, il-konvenut mar gabar il-vettura, u filwaqt illi hallas lill-attur ghax-xogholijiet li saru minnu mhux konnessi ma' l-incident, ftiehem mal-attur li l-bilanc, *ossia* spejjez ta' tiswija tal-hsara kkawzata fl-incident, kienu ser jithallsu mill-assigurazzjoni. Illi da parti tieghu, il-konvenut kellu kuntatt unikament mas-*surveyor* ta' Untours Insurance Agents Limited, u hadd aktar minn dik l-agenzija tal-assigurazzjoni. Illi sa fejn jaf il-konvenut, il-*parts* li ntuzaw fit-tiswija tal-vettura tieghu hallset ghalihom l-assigurazzjoni Untours. Illi dwar ix-xoghol imwettaq mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut, l-istess konvenut iddikjara ruhu sodisfatt bix-xoghol li sar.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' kjamata in kawza ddikjara illi l-assigurat taghha kien certu Mario Pace, u l-vettura li kienet involuta fil-kollizjoni mal-vettura tal-konvenut ghandha n-numru ta' registrazzjoni TFI059. Illi in segwitu ghal ittra legali li s-socjeta' kjamata in kawza rceviet, fethet *claim*, u dan minghajr ebda ammissjoni ta' responsabilita' ghall-incident in kwistjoni. Illi ghalhekk is-socjeta' kjamata in kawza baghtet is-*Surveyor* taghha sabiex jispezzjona l-vettura tal-konvenut. Illi da parti taghha, s-socjeta' kjamata in kawza ma tat ebda struzzjonijiet sabiex issir it-tiswija tal-vettura tal-konvenut, ghaliex kien ghad jehtieg illi jigi determinat ir-responsabilita' ghal dan l-incident. Iddikjara wkoll illi l-attur qatt ma kkomunika direttament mieghu, u rega' sostna illi ma ntlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet involuti fl-incident stradali in kwistjoni, jew mill-assigurazzjoni taghhom, dwar ir-responsabilita' ghal dan l-incident, u dwar dan ipprezenta kopja tal-korrispondenza li giet skambjata bejn iz-zewg socjetajiet assiguratrici in rigward.

Illi xehed ukoll ir-rapprezentant tas-socjeta' Auto Factors Malta Limited, minn fejn inxtraw il-*parts* li ntuzaw fuq il-vettura tal-konvenut, u b'referenza ghas-*survey report* imhejji mis-*Surveyor* inkarigat mis-socjeta' kjamata in kawza, iddikjara illi dan id-dokument inghataw kopja tieghu minghand l-assiguazzjoni Untours. Iddikjara illi huma inghataw struzzjonijiet telefonikament minn certu Keith Richard Schembri ghan-nom tal-Untours sabiex jghaddu l-*parts* lil Daytona Garage, kif fil-fatt ghamlu. Iddikjara wkoll illi llum il-gurnata din is-sistema inbidlet, u l-istruzzjonijiet mill-assigurazzjoni sabiex jghaddu l-parts lil garages fejn tkun ser issir it-tiswija qed jitolbuhom, u jircevuhom, bil-miktub. Illi huma baqghu sa issa ma thallsux tal-*parts* li taw lil Daytona Garage sabiex issir it-tiswija fuq il-vettura tal-konvenut.

Ikkunsidra,
Illi mhux qed jigi kkontestat mill-konvenut f'din il-kawza illi saru xogholijiet ta' tiswija mill-attur fuq il-vettura tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni JAB614, izda jsostni illi hu mhux il-legittimu kontradittur, u li s-socjeta' kjamata in kawza ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont dovut *stante* illi l-hsara li rrizultat fil-vettura tieghu kienet kawza ta' incident awtomobilistiku, ghal liema incident kien jahti s-sewwieq tal-vettura l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni TFI059, u s-socjeta' kjamata in kawza kienet is-socjeta' assiguratrici li maghha kienet assigurata l-vettura msemmija.

Illi jidher illi l-konvenut qed iqis il-fatt li s-socjeta' kjamata in kawza baghtet *Surveyor* sabiex jispezzjona l-vettura tal-konvenut, bhala accettazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Illi da parti tieghu l-attur isostni illi nghata struzzjonijiet verbali minghand is-socjeta' kjamata in kawza sabiex iwettaq it-tiswija mehtiega fuq il-vettura tal-konvenut, izda meta baghtilhom il-fattura u ricevuta sabiex jigi mwettaq il-hlas, dawn intbaghtu lura, u l-hlas baqa' ma sarx. Illi ghalhekk l-attur gie kostrett illi jitlob il-hlas minghand il-konvenut.

Illi in rigward l-allegat struzzjonijiet li rcieva l-attur sabiex wettaq it-tiswija, m'hemmx qbil bejn l-attur u r-

rapprezentant tas-socjeta’ kjamata in kawza, ghaliex filwaqt illi l-attur isostni illi nghata tali struzzjonijiet verbalment permezz ta’ telefonata, u anke *tramite* ta’ komunikazzjoni mas-*Surveyor* mibghut mis-socjeta’ kjamata in kawza, ir-rapprezentant tal-istess socjeta’ kjamata in kawza jsostni illi dan mhux minnu, u li l-attur qatt ma gie awtorizzat sabiex iwettaq tali xoghol ta’ tiswija *a* spejjez taghhom. Illi dan in vista tal-fatt illi r-responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, baqghet ma gietx stabbilita, u ebda wahda miz-zewg socjetajiet assiguratrici ma assumiet ir-responsabilita’ ghal dan l-incident. Illi mill-atti ma jirrizultax illi tali kwistjoni giet rizolta, u jidher illi minkejja l-fatt illi l-incident awtomobilistiku sehh f’April, 2010, ghad ma giex determinat ta’ min miz-zewg sewwieqa kienet ir-responsabilita’ ghall-incident stradali li konsegwenza tieghu l-konvenut garrab hsara fil-vettura tieghu illi hija l-mertu ta’ din il-kawza.

Ikkunsidra,
Illi ghalkemm l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, johloq obbligu fuq socjeta’ assiguratrici li twettaq il-hlas lill-persuni li *a* favur taghhom tkun inghatat sentenza, meta tali sentenza tkun inghatat kontra l-assigurat tas-socjeta’ assiguratrici, f’dan il-kaz irrizulta illi ma kien hemm ebda sentenza dwar ir-responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Illi effettivament baqa’ ma giex determinat ta’ min mill-partijiet kienet ir-responsabilita’ ghall-imsemmi incident. Illi jsegwi ghalhekk illi s-socjeta’ kjamata in kawza m’hix tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghall-hsara li garrab il-konvenut fil-vettura tieghu.

Illi l-fatt illi tali responsabilita’ baqghet ma gietx determinata ma jfissirx, madanakollu, illi l-attur, li wettaq ix-xoghol ta’ tiswija, m’ghandux jircievi l-hlas ghax-xoghol li ghamel. Illi l-konvenut ddikjara espressament illi jinsab sodisfatt bix-xoghol ta’ tiswija li ghamel l-attur, kemm dak li ‘gia hallas ghalih – li kien jittratta dwar qtugh ta’ sadid – kif ukoll dwar it-tiswija tad-daqqa li garrab fil-vettura konsegwenza tal-impatt mal-vettura l-ohra. Illi l-unika kontestazzjoni tal-konvenut dwar il-hlas hija bbazata fuq il-

premessa illi ladarba l-vettura l-ohra kellha kopertura valida b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' kjamata in kawza, u dawn tal-ahhar kienu baghtu s-*Surveyor* sabiex jispezzjona l-vettura, u allegatament l-assigurazzjoni tat il-kunsens b'mod verbali sabiex il-vettura tigi msewwija *a* spejjez taghha, allura m'ghandux jigi kkundannat li jhallas hu ghal tali spejjez.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-linja difenzjonali tal-konvenut, u dan partikolarment fid-dawl tal-fatt illi **(i)** ma nghatat ebda sentenza li sabet lis-sewwieq tal-vettura assigurata mas-socjeta' kjamata in kawza responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u **(ii)** ma rrizultax sodisfacentement illi nghataw xi struzzjonijiet minn dirigenti, jew persuni responsabbli mill-processar ta' *claims*, illi t-tiswija ghandha tigi mwettqa *a* spejjez tas-socjeta' kjamata in kawza. Illi kien jispetta lill-konvenut li jressaq provi sodisfacenti u konvincenti illi kien hemm tali awtorizazzjoni. Illi fl-assenza ta' dawn il-provi, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jillibera lis-socjeta' kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar id-difiza tal-konvenut illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur, ghaliex ma kienx hu li inkarigah sabiex jaghmel dan ix-xoghol ta' tiswija, it-Tribunal ma jaqblix ma' tali asserzjoni, ghaliex il-fatti tal-kaz jindikaw mod iehor. Illi rrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel bicca xoghol ohra fuq il-vettura tieghu, oltre t-tiswija relatata mal-habta. Illi dan jindika illi l-konvenut kien kuntent bix-xoghol li jaghmel l-attur, u li kien l-istess konvenut li identifika, u inkariga lill-attur sabiex iwettaq it-tiswija ta' *spray painting* u *panel beating* fuq il-vettura tieghu.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur tax-xoghol li dan tal-ahhar ghamel fuq il-vettura tal-konvenut. B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt li jista' jkollu l-konvenut illi jirkupra dan l-ammont minghand is-socjeta' kjamata in kawza kemm-il darba jigi determinat u stabbilit permezz ta' decizjoni jew sentenza illi kien l-assigurat tas-socjeta'

kjamata in kawza illi jahti ghall-incident awtomobilistiku li wassal sabiex il-konvenut garrab hsara fil-vettura tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ kjamata in kawza u qed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qed jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u ghalhekk qed jilqa’ t-talba tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenut, u qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet mija disgha u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€329.22c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, in kwantu tal-attur u tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, filwaqt illi l-ispejjez tas-socjeta’ kjamata in kawza ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------